MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tas-27 ta' April, 2015

Numru. 82/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Anne Marie Xuereb)**

**vs**

**Saviour Dalli**

**Kumpilazzjoni Nru: 82/2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Saviour Dalli u detentur tal-Karta ta' l-Identita Maltija numru 88258(M).

Akkuzat talli fix-xahar ta’ Dicembru 2012 u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:-

1. B’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex gieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b’qerq ta’ aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu ta’ Joseph Azzopardi (detentur ta’ Karta tal-Identita’ numru 525856M).

2. Akkuzat ukoll talli fl-istess zmien u cirkostanzi bi hsara ta’ haddiehor, ghamel xi qligh iehor b’qerq, mhux imsemmi fl-artikoli ta’ qabel, ghad-dannu ta’ Joseph Azzopardi (detentur ta’ Karta tal-Identita’ numru 525856M).

3. Akkuzat ukoll talli fl-istess zmien u cirkostanzi xjentament ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza, msemmija tal-artikolu 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

4. Akkuzat ukoll talli fl-istess zmien u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentament ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat.

U aktar talli sar recediv ai termini ta’ l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta’ Malta liema sentenzi gew decizi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat in-nota ta’ l-Avukat Generali permezz ta’ liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali kif mahsub f’l-artikoli:

- 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- 18, 308 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

- 18, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 18, 183 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 18, 308 u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
- 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kawza titkompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan huwa kaz permezz ta' liema l-prosekuzzjoni qed tallega li permezz ta' uzu ta' cekkijiet falsifikati l-imputat iddefroda lil certu Joseph Azzopardi.

Illi Joseph Azzopardi, li jiggestixxi petrol station, kien gie avvicinat mill-imputat biex issarraflu xi cekkijiet. Peress li Azzopardi kien vittma ta' hold up ma kienx ikun irid izomm hafna flus kontanti fuq il-post tax-xoghol accetta li jsarraf dawn ic-cekkijiet biex b'hekk jehles mill-flus kontanti. Azzopardi jispjega li l-imputat kien qallu li qed jaghmel xi xoghol ta' tibjid u li l-persuna ghand minn kien qed jahdem kien qed ihallsu b'dawn ic-cekkijiet. Ic-cekkijiet kienu mahruga in bjank minn kont ta' certu Edward Pace; fuq dawn ic-cekkijiet kien hemm firma (apparentment ta' Pace) u kien jitnizzel isem Azzopardi bhala *payee* li da parti tieghu kien jaghti l-ammont indikat fic-cekk lill-imputat fi flus kontanti u jiddepozita c-cekk fil-kont tieghu.

Illi Azzopardi jkompli jispjega li l-imputat kien tah diversi cekkijiet li kienu mahrugin mill-kont ta' dan Edward Pace u li ghal bidu ma kienx hemm

problemi stante li meta hu (Azzopardi) kien jiddepozitahom fil-kont tieghu c-cekkijiet kienu jigu onorati; pero eventwalment kien hemm tlett cekkijiet li ma gewx onorati ghax kien inhareg *stop payment* fuqhom. Gara ukoll li l-bank rega' iddebieta l-kont ta' Azzopardi b'ammont ekwivalenti ghal dawk ic-cekkijiet li kienu lahqu onoraw ghaliex kellhom rapport li dawn kienu cekkijiet misruqa. B'hekk (fil-waqt li Edward Pace ma soffra l-ebda danni[1]) Azzopardi gie skopert b'l-ammont kollu li huwa kien lahaq hallas lill-imputat; dan kien jammonta ghal €8,315. Azzopardi kien kellem lill-imputat li kien weghedu li kien ser jirrifondih dan l-ammont izda baqa inadempjenti, ghalhekk Azzopardi ghamel rapport ghand il-pulizija.

Illi l-ufficjal prosekutur ghamlet il-verifiki mal-bank koncernat u dak kollu li allega Azzopardi dwar ic-cekkijiet gie konfermat; rapprezentanti tal-bank ikkonfermaw dawn il-fatti quddiem il-Qorti ukoll. Gie konfermat ukoll mill-ufficjal prosekutur li Edward Pace kien irrapporta s-serq tac-cekkijiet lill-pulizija fit-18 ta' Novembru 2012 cioe meta Azzopardi kien diga lahaq iddepozita fil-kont tieghu sitt cekkijiet li kien tah l-imputat. Dak in-nhar li ghamel rapport l-ghassa Pace kien mar ukoll il-Bank biex jaghmel *stop payment* u kien ghalhekk li kien hemm tlett cekkijiet li Azzopardi prova jiddepozita li ma ssarfux.

Illi Edward Pace miet qabel ma gew intavolati dawn il-proceduri pero persuna vicina tieghu, certu Aaron Lombardi, ikkonferma li Pace kien infurmah bis-serq tac-cekkijiet u infurmah ukoll li kienu gew zbankati ammonti mill-kont tieghu li hu ma kienx jaf bihom. Lombardi fil-fatt kien akkompanja lil Pace kemm il-bank kif ukoll ghand il-pulizija.

Illi ghandu jigi rilevat li l-pulizija kienet hadet passi kontra l-imputat ghas-serq tac-cekkijiet u ghal frodi a dannu ta' Edward Pace[2]; l-imputat kien ammetta dawn l-imputazzjonijiet u gie ikkundannat.

---

[1] B'referenza ghac-cekkijiet mertu ta' dawn il-proceduri.

[2] Minbarra c-cekkijiet li l-imputat sarraf ghand Azzopardi (u li dwarhom Pace ma soffra l-ebda danni) jidher li kien hemm cekkijiet ohra li l-imputat uza biex jiddefroda lil Pace.

Illi rinfaccjati b'rapport[3] gdid fil-konfront ta' l-imputat, il-pulizija regghu baghtu ghalih. Huwa rrilaxxja stqarrija wara li gie mghoti d-dritt li jikkonsulta ma' avukat ta' fiducja tieghu. F'l-istqarrija minnu rilaxxjata huwa jammetti l-fatti kollha fuq riassunti. Mhux hekk biss imma l-imputat ammetta ukoll li kien hu li ffirma ic-cekkijiet (misruqa minghand Pace) u mghotija lil Azzopardi; fi kliemu: "*li hemm zgur hija* ***l-firma li jien ghamilt ta' Eddie Pace***". F'l-istess stqarrija l-imputat anke ddikjara li huwa kien dispost li jirrifondi lil Azzopardi, pero sa llum ghadu ma hallas xejn mill-ammont dovut.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija sodisfatta li l-imputat, ad insaputa ta' Edward Pace, iffirma cekkijiet li huwa kien seraq minghand Pace, u ha dawk l-istess cekkijiet ghand Joseph Azzopardi biex dan isarraffhomlu.

Ikkunisdrat

Illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat huwa dawk dwar truffa u frodi innominata kif ukoll falsifikazzjoni u uzu ta' dokument falsifikat. Kontra l-imputat ingieb ukoll l-addebietu dwar recidiva.

Illi dwar l-elementi rikjesti biex jissussisti r-reat ta' truffa Francesco Antolisei jghid hekk:

> *Nucleo essenziale del delitto in parola e' l'inganno col quale una persona viene indotta a compiere un atto, positivo o negativo, che importa una diminuzione del suo patrimonio col profitto del agente o di altri. Il consenso della vittima, carpito fraudolentemente, caratterizza il reato e lo distingue sia dal furto che dall'inappropriazione indebita.*

[3] Azzopardi prezenta kwerela ukoll.

*Ambedue questi reati, infatti, presuppongono il dissenso della vittima, perche il primo esige l'impossessamento della cosa in contrasto col volere di colui che la detieni, mentre il secondo postula da parte del possessore un arbitria, e percio non consentita, assunzione di poteri che sono riservati al proprietario. Nella truffa invece, l'agente, mediante artifizi o ragiri riecse ad ottenere che la vittima si danneggii da se: consgna una cosa, assuma un obbligazione, rinunzi ad un suo diritto, ecc: compia insomma un atto di disposizione pregudizievole per il suo patrimonio e vantaggioso per altri.*

*La fattispecie oggettiva della truffa consta dei segwenti elementi:*

1) *un particolare comportamento del reo, che il codice designa con l'espressione artifizi o raggiri;*
2) *la causazione di errore, il quale … deve a sua volta dare origine a una dispozione patrimoniale;*
3) *un danno patrimoniale derivato dell'inganno con conseguente profitto per l'agente o altra persona.*[4]

Illi diversi sentenzi tal-Qrati taghna jirribadixxu dan l-istess insenjament. Fil-fatt il-Qorti ta'l-Appell Kriminali qalet hekk dwar l-elementi tar-reat ta' truffa:

*Fil-Ligi taghna element essenzjali ghall-kostituzzjoni tar-reat ta' truffa hija l-mise en scene cioe dawk l-artifizi jew raggiri idonei li jinducu u li effettivament kienu inducew lill-vittma fi zball --- l-ingann --- u li b'konsegwenza ta' dak l-izball il-vittma taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-korrispondenti qligh ghall-agent…… liema telf u qligh ikun rizultat* ***ta' xi haga li taghmel jew tonqos li taghmel il-vittma***[5] *ghax tkun giet ingannata.*[6]

---

[4] Manuale di Diritto Penale Parte Speciale I pagna 354
[5] Sottolinear ta' din il-Qorti.
[6] Ref Pulizija vs Emmanuele Ellul 20.06.1997.

Illi dwar dan it-tieni element kostituttiv tar-reat ta’ truffa Antolisei jghid hekk:

> *l’errore, essendo un fatto conoscitivo, di per se stesso non puo essere causa di quel danno patrimoniale che e’ richiesto per l’esistenza della truffa; occorre che, in conseguenza dell’errore* ***l’ingannato abbia posto in essere un atto che abbia determinato il detto danno***[7]*….. Va anche notato che l’elemento della disposizione patrimoniale … e’ proprio quello che distingue la truffa dal furto e dall’appropriazione indebita, perche … essa e’ caratterizzata dal fatto che l’ingannato, in conseguenza dell’errore,* ***e egli stesso causa del danno: procura -- per cosi dire -- con le sue mani un nocimento patrimoniale con profitto altrui***[8]*.*[9]

Illi dwar id-distinzjoni bejn ir-reat ta’ truffa (predispost f’l-artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta) u r-reat minuri ta’ frodi innominata (predispost f’l-artikolu 309 ta’l-istess Kapitolu 9), huwa ormai ben stabbilit ukoll fil-gurisprudenza taghna li din id-distinzjoni hija determinata mit-tip ta’ ingann adoperat mill-agent. It-tlett elementi fuq elenkati huma rikjesti ghaz-zewg reati; huma il-mezzi adoperati biex jigi perpetrat l-ingann li jiddistingwi t-truffa mill-frodi innominati.

> *Fil-Ligi taghna biex ikun hemm t-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta’ ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konswgwenti qliegh ghall-agent. Dan it-telf hafna drabi ikun jikkonsisti filli l-vittma, propju ghax ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent.* ***Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f’raggiri jew artifizi, dak li fid-***

[7] Sottolinear ta’ din il-Qorti.
[8] Sottolinear ta’ din il-Qorti.
[9] Manuele di Diritto Penale op cit pagna 359

> ***dottrina huwa imsejjah mise en scene, ikun hemm it-trufffa; jekk le ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata***[10].[11]

Illi mill-provi akkwizieti l-Qorti hija sodisfatta li b'ingann konsistenti f'raggiri u artifizji kif fuq definiti, l-imputat prezenta lil Azzopardi b'storja biex jikkonvincih bil-provenjenza legittima tac-cekkijiet li kien qed jipprezentalu biex b'hekk Azzopardi jaghtih, fi flus kontanti, l-ekwivalenti tal-valur taghhom. Dan wassal ghal telf patrimonjali lil Azzopardi stante li, meta iddepozitahom fil-kont tieghu, ic-cekkijiet ma gewx onorati ghax kienu misruqa u falsifikati.

Illi ghalhekk l-ewwel zewg imputazzjonijiet huma sodisfacjentement pruvati b'dan li t-tieni imputazzjoni hija assorbieta f'l-ewwel wahda bhala reat minuri kompriz u involut.

Illi peremzz tat-tielet u r-raba imputazzjonijiet l-imputat qed jigi addebietat bir-reati prospettati f'l-artikoli (183), 184 u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-artikolu 183 jipprovdi hekk:

> *Kull persuna oħra li tagħmel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi toħloq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi ddaħħal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żżid jew tbiddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, teħel, meta tinsab ħatja ……*

[10] Sottolinear ta' din il-Qorti.
[11] Ref Pulizija vs Carmela German Appell Kriminali deciz 30.12.2004 u l-gurisprudenza hemm kwotata.

Illi ai termini ta'l-artikolu 184 huwa reat li xi hadd xjentement jagħmel użu minn att, kitba jew skrittura falsifata bi ksur ta'l-artikolu 183. L-artikolu 189 mbaghad jipprojbixxi b'mod generali kull falsifikazzjoni ohra jew l-uzu konsapevoli ta' dokumenti hekk falsifikati.

Illi qari ta' dawn id-dispozizzjonijiet tal-Ligi huwa sufficjenti biex iwassal ghall-konkluzzjoni li dak li jikkontemplaw huwa il-falz materjali li fi kliem l-Antolisei jista' jissusissisti f'zewg forom:

> *nella forma della contraffazzione, la quale si ha allorche' il documento e' posta in essere da persona diversa da quell ache provenga, e nella forma dell'alterazione, la quale si verifica quando il documento, redatto dall'autore apparente, ha subito una di quelle modificazione di cui ora abbiamo parlato.*[12]

Illi l-Professur Mamo jikkwota wkoll b'approvazzjoni dak li jgħid l-awtur Ingliż Kenny:

> *Accordingly an instrument is not a forgery when it merely contains statements which are false, but only when it falsely purports to be itself that which it is not….Thus a forgery is a document which not only tells a lie, but tells a lie about itself.'*[13]

Illi l-istess Profs Mamo jirreferi għad-dottrina Taljan msemmija aktar 'il fuq fejn jingħad '*that the forgery must be in the 'materialita' della scrittura', that is, the public or private writing in its external conditions as a document*."[14]

---

[12] Antolisei op cit pagina 606.
[13] Prof Mamo Anthony Notes on Criminal Law Part II pagina 161.
[14] Professur Mamo Anthony op.cit. pagina 161.

Illi l-punt li jitkellem fuqu Kenny joħrog minn dan il-bran li jidher fl-edizzjoni ta' l-Archbold ta' l-1978:

> *The concept of forgery and the rationale of the offence were summarised in paragraphs 41 to 43 of the Law Commission Report: 'By the middle of the nineteenth century it was established that for the purpose of the law of forgery the fact that determined whether a document was false was not that it contained lies, but that it told a lie about itself. It was in R versus Windsor (1865) that Blackburn J said: 'Forgery is the false making of an instrument purporting to be that which it is not, it is not the making of an instrument which purports to be that it really is, but which contains false statements. Telling a lie does not become a forgery because it is reduced into writing.' This test was applied in the Court of Appeal in R versus Dodge and Harris……. As we have said…the primary reason for retaining a law of forgery is to penalise the making of documents which, because of the spurious air of authenticity given to them are likely to lead to their acceptance as true statement of the facts related in them. We do not think that there is any need for the extension of forgery to cover falsehoods that are reduced to writing ….The essential feature of a false instrument in relation to forgery is that it is an instrument 'which tells a lie about itself' in the sense that it purports to be made by a person who did not make it (or altered by a person who did not alter it) or otherwise purports to be made or altered in circumstances in which it was not made or altered[15].*

Illi mill-provi akwizieti f'dan il-process, u kif jirrizulta mir-riassunt tal-fatti ta' dan il-kaz, ic-cekkijiet esebieti in atti u li fuqhom huma bazati l-imputazzjonijiet issa in ezami ma ssubewx alterazzjonijiet wara l-formazzjoni taghhom. Min-naha l-ohra m'hemmx dubbju li l-awtur apparenti (Edward Pace) ma kienx l-awtur reali (l-imputat) taghhom. Fi kliem Antolisei kull cekk *e' posto in essere*

[15] Archbold ed.1997 pagina 1901 22-8.

*da persona diversa da quell ache provenga*, jew fi kliem Archbold kull cekk *tells a lie about itself' in the sense that it purports to be made by a person who did not make it.*

Illi tenut kont ta' dan huwa car li l-agir ta' l-imputat jinkwardra ruhhu f'definizzjoni ta' falz materjali u li konsegwentement l-imputat ghandu jinstab hati tar-reati ravvizati f'l-artikoli 184 (b'referenza ghal dokument falsifikat bi ksur ta'l-artikolu 183) u 189 tal-Kapitolu 9.

Illi permezz ta' l-ahhar imputazzjoni l-imputat qedjigi addebieta bir-recidiva.

Illi in sostenn ta' din l-imputazzjoni l-prosekuzzjoni prezentat sentenza mghotija fil-konfront ta' l-imputat nhar it-8 ta' Marzu 2007; permezz ta' din is-sentenza l-imputat kien gie ikkundannat multa ta' Lm200.

Illi l-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni sehhew bejn it-12 ta' Ottubru 2012 u s-7 ta' Dicembru 2012 (id-dati tac-cekkijiet in ezami) u ghalhekk wara d-dekors ta' hames snin mid-data tas-sentenza fuq imsemmija.

Illi ghalhekk din l-imputazzjoni ma tistax tirrizulta.

Ikkundsidrat

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu. Qed tiehu in konsiderazzjoni ukoll il-fatt li l-interess principali tal-parte civile huwa dak li jithallas l-ammonti lilu dovuta; dan ma jkunx jista' jsehh jekk l-imputat ikollu jiskonta piena karcerarja. F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma li ghandha timponi

sentenza sospieza b'kundizzjoni li l-imputat ihallas fi zmien prestabbilit l-ammonti dovuta lill-parte civile.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati ta'l-addebietu dwar recidiva mill-liema addebietu tilliberah, wara li rat l-artikoli 18, 184, 189, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssibu hati ta'l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra tieghu u taghhom tikkundannah tmintax (18) il-xahar prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospieza ghal perjodu ta' tlett (3) snin u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28H ta'l-istess Kapitolu 9 qed tordna lill-imputat bi fi zmien sitt (6) xhur ihallas lil Joseph Azzopardi s-somma ta' tmien telef tlett mija u hmistax il-Euro (€8,315).

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' dinnis-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett snin u jekk ma joqghodx ghall-ordni lilu mghoti.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------